MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 423/2014

**Maria Theresa ATTARD**
**ID No.332048-(M)**

**vs**

**W & J Coppini Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet illi s-Socjeta' konvenuta ghandha thallas lill-attrici s-somma ta' erba' mija u erbghin ewro u tmenin centezmu (€440.80c) rapprezentanti ammont ta' flus li l-intimati approprjaw ruhhom ghalihom infushom illegalment u dana fid-data ta' 29 ta' April, 2014.

Bl-ispejjez u bl-imghax u s-Socjeta' intimata tibqa' ngunta ghas-Subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-Socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attrici u l-fatt li naqas li jidher rapprezentant tas-Socjeta’ konvenuta sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-Socjeta’ konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta’ erba’ mija u erbghin ewro u tmenin centezmu (€440.80c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-Socjeta’ konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------